# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., M. Jur. (Eur Law), Dip. Trib. Eccles. Melit.

**Rikors Ġuramentat Numru: 137/2022 SG**

**Robert Cremona (KI 26380G), qua mandatarju ta' ommu Maria Cremona, detentriċi tal-karta ta' l-identita' numru 15949G kif debitament awtorizzat permezz tal-prokura**

**vs**

**Carmen sive Lina (KI 27254G) u Joseph Zammit (KI 9879G)**

**Illum il-Ġimgħa, 19 ta' Mejju 2023**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ġuramentat li permezz tiegħu ġie premess u mitlub is-segwenti:

*(1) Illi l-attrici Maria Cremona hija s-sidt esklussiv, u ghandha fil-pusess taghha, porzjon art lokata fiz-zona maghrufa bhala 'Ta' Libbrimbira', limiti tal-Ghasri, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka seba' mija u hamsa u hamsin metru kwadru (755m.k.), kif suggetta ghad-dritt ta' passagg favur terzi,*

*liema porzjon art tikkonfina min- Nofsinhar ma' beni tal-Familja Calleja, Punent ma' beni tal-Familja Mintoff, u mil-Lvant ma' beni tal-Familji Calleja u Grech, u ma' sqaq;*

*(ii) Illi l-konvenuti, ricentement, bdew jivvantaw pretensjonijiet fuq l-istess porzjon art, tant li l-esponenti nomine kien kostrett ukoll jaghmel ir-rapporti relattivi mal-Pulizija;*

*(iii) Illi lejn l-ahhar tax-xahar ta' Ottubru tas-sena kurrenti elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), il-konvenuti hawlu xi xitel f'din l-istess porzjon art, b'mod li huwa ovvju li l-istess konvenuti qed jidhlu illegalment u abbuzivament fil-propjeta tal- esponenti;*

*(iv) Illi bl-agir taghhom il-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-esponenti.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

*(i) Tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal- esponenti, u dana meta bl-agir taghhom hawlu xi xitel fil-propjeta esklussiva tal- istess attur nomine, u cioe' fil-porzjon art lokata fiz-zona maghrufa bhala 'Ta' Libbrimbira', limiti tal-Ghasri, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka seba' mija u hamsa u hamsin metru kwadru (755m.k.), kif suggetta ghad-dritt ta' passagg favur terzi;*

*(ii) Tordna lill-konvenuti sabiex inehhu u/jew jaqilghu dak kollu maghmul minnhom, u jippristinaw kollox ghall-istat originali tieghu;*

*(iii) Fin-nuqqas, tawtorizza lill-attur nomine sabiex jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha mehtiega sabiex jippristina kollox ghall-istat originali tieghu, u dana a spejjez tal- konvenuti.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni."*

Rat ir-risposta ta' l-intimati fejn ġie eċċepit:

*"1. Preliminarjament il-proċeduri huma monki u nulli stante ma humiex proċeduri mahlufa mil-persuna li qiegħda tipproponi l-kawża u ċioe Maria Cremona iżda proċeduri mibdija mil-mandatarju tagħha li hu għal kollox estranju għal proċeduri. Illi la darba l-imsemmija Maria Cremona hija persuna li tinsab preżenti u residenti f'Għawdex u fil-fatt kienet preżenti u residenti f'Għawdex fil-mument li ġiet intavolata l-kawża, kif jidher mil-prokura anness mal-att li kienet iffirmata tliet ijiem qabel l-intavolar tal-kawża, il-proċeduri huma formalment monki stante li huma neqsin mil-ġurament tal-attur kif jirrikjedi l-artiklu 156(1) u (3) kif ukoll l- artiklu 180(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema kriterju ma jistax jiġi sanat state li jirrikjedi li fil-mument preċiż li jiġi ppreżentat l-att huwa rikjest ad validitatem u huwa kriterju li għandu jigi osservat ad unguem.*

*2. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-proċeduri huma monki u null wkoll għaliex il-prokura annessa mal-atta ma hix iffirmata minn u quddiem Nutar Pubbliku u għalhekk il-prokura lanqas tiswa għal finijiet ta' proceduri ġudizzjarji in kwantu wkoll tirreferi għal persuna preżenti f'dawn il- ġżejjer.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża u kwindi għandhom jiġu miċħuda bl- ispejjeż;*

4. *Illi ma jeżistux ir-rekwiżiti essenzjali kollha ta' l-actio spolii u cioe: il- "possedisse", 1-"ispoliatum fuisse" u lanqas ir-rekwiżit tal-"infra bimestre deduxisse" u dan inter alia a tenur ta' l-Artikolu 535 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Permezz ta' l-ewwel eċċezzjoni, l-intimati qed jargumentaw li dawn il-proċeduri huma monki u nulli stante li Maria Cremona hija persuna li tinsab preżenti f' Għawdex u għalhekk, dan ir-rikors ġuramentat kellu jkun maħluf mill-istess Maria Cremona u mhux minn mandatarju tagħha. Imbagħad fit-tieni eċċezzjoni, ġie mniżżel li l-prokura annessa ma hix iffirmata minn nutar pubbliku u għalhekk prokura lanqas ma tiswa għal finijiet ta' proċeduri ġudizzjarji in kwantu tirreferi għal persuna preżenti f'dawn il-gżejjer.

F' dan ir-rigward din il-Qorti tibda billi tissottolinja li l-formalizmu esaġerat għandu jiġi kemm jista' jkun imnaqqas u limitat u li l-atti għandhom jiġu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli. Issir referenza għal dak li qalet il-Prim' Awla fis-7 ta' Ottubru, 2004 Ċitazzjoni Numru. 1359/2003 fl-ismijiet Patrick Pillion għan-nom u in rappreżentanza tal-bank BNP [SUISSE] SA.u b' nota tal-15 ta' Marzu 2004 l-Avukat Dottor Carmel Chircop assusma l-atti bħala mandatarju speċjali minflok Patrick Pillon vs SMARTA Navigation Ltd. fejn gie ribadit:

*"Illi in tema legali jigi osservat li l-gurisprudenza interpretattiva enuncjat is-segwenti principji rigwardanti eccezzjonijiet ta' nullita' ta' atti gudizzjarji.*

*Il-prassi tal-Qrati nostrali, anke a bazi tal-emendi maghmula bl-Att XXIV tas-sena 1985, inkluz il-kontenut tal-Art.175 tal-kap.12 hija li, "il-formalizmu esagerat illi hafna gie imnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi formu li jinutnuh" [App.28.02.1997 Charles Fino vs Alfred Fabri noe], u konsegwentement "l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli"[App.24.01.1964 Dr.Joseph Ellul vs Jos.G.Coleiro] PA (RCP) Maurizio Urso vs Fr.Charles Cini 19.01.1999]. In-nullita' tal-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta' citazzjoni ghandu jkun imwaqqa' u annulat biss ghal ragunijiet gravi [PA Alfred Vella et vs Agostino Camilleri [1997] Vol.LXXXI.III.31].*

*Il-principju applikabbli huwa ut magis res valeat quam pereat [App.Civ. ACE Guido Vella vs Dr.Emanuel Cefai –4.II.99] Il-Qorti ghandha tilqa' eccezzjoni ta' nullita' minhabba non osservanza ta' formalita, sakemm ma tkun nullita' li tirrizulta espressament mill-ligi, biss f' kazijiet fejn jirrizulta li l-konvenut isofri pregudizzju rreparabbli minhabba dan in-nuqqas.[App.Civ. Albert Portelli vs Dr.Riccardo Farrugia [1998] Vol.LXXXII.II.1305]*

*Inoltre fil-kaz App.Civ. Carmela Bonanno vs Perit Carmel Bonanno [1997] Vol.LXXXII.II.239] gie osservat li il jus superveniens hu mod accettat li jippermetti li f' certi kazi latti jigu regolarizzati u jsib applikazzjoni tieghu fil-proviso tas-sub inciz 1[a] tal-artikolu 789 tal-Kap.12 li jesigi li n-nullita' tigi sanata fejn dan hu permess bil-ligi.*

*Illi premess juri bic-car u b' mod inkonfutabbli li kemm illigi statutorja fl-Artikolu 789, kif ukoll il-gursiprudenza patrija, jesigu li dikjarazzjoni ta' nullita' ta' atti gudizzjarji issir biss ghal ragunijiet gravi, meta l-kontro parti ser issofri pregudizzju rreparabbli u l-posizzjoni ma tistax tigi sanata bis-sahha tal-jus superveniens. Cirkostanzi li huma assenti ghal kollox fil-kaz prezenti. Huma assenti, ghax fil-mument tal-prezentata tac-citazzjoni s-socjeta' kienet debitament rapprezentata f' Malta, kif ukoll ghax filmori tal-kawza, wara li l-istess rapprezentant telaq minn Malta, gie nominat mandatarju specjali fil-persuna tad-difensur taghha; u ghalhekk fl-ebda mument ma jista' jinghad li s-socjeta' konvenuta sofriet pregudizzju, wisq anqas irreparabbli !.*

*In fine, fid-dawl tal-eccezzjoni li c-citazzjoni odjerna hija nulla, hija relevanti l-osservazzjoni maghumla minn din il-Qorti fil-kaz Registratur tal-Qorti vs Joseph Muscat fissens li "ma jidher li mkien fil-ligi ma tinsab komminata espressament in-nullita' ta' l-att minhabba nullita' talprezentata, ghaliex id-difett tal-prezentata ma jistax jirrendi l-att nieqes minn partikolarita' sostanzjali preskritta mill-ligi [P.A. [MCC] Victor Henry Debono et vs Onor. Dr. Vincent Tabone]*

*Il-kelma "partikolarita'" kif uzata fl-artikolu 789[1][d] tirreferi ghall-kontenut tal-att [taccitazzjoni] bhal ma huma l-kawzali, l-oggett,u dawk l-elementi essenzjali kollha li l-ligi tippreskrivi. Kien ghalhekk li n-nullita' tal-prezentata giet imfissra bhala "nullita' vritwali" kif kontrapposta ghan-"nullita essenzjali" msemmija fil-ligi."*

*Jizdied, multo magis, meta n-nuqqas ikun sanabbli u mhux ta' pregudizzju rrimedjabbli."*

Tenut kont ta' dawn il-prinċipji, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Diċembru 2018 Rikors maħluf numru 710/2016 MCH fl-ismijiet Pauline sive Polly Bonnici in rappreżentanza ta' John sive Ġanni Bonnici kif debitament awtorizzata bi prokura datata t-3 ta' Frar 2011 u l-istess Pauline sive Polly Bonnici f'isimha proprju għal kull interess li jista' jkollha v. Fr. Marc André Camilleri fil-kwalità tiegħu ta' Kappillan pro tempore tal-Parroċċa ta' Raħal Ġdid fl-isem l-istess Parroċċa u Dr Michelle Tabone bħala ekonomu ta' Monsinjur Charles J. Scicluna, Arċisqof Metropolita ta' Malta:

*"22. Il-kwistjoni f'dan l-appell għalhekk hija jekk, fi kliem l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti, "il-preżentata ta' din il-kawża" hijiex nulla. Ilkwistjoni mqanqla bl-eċċezzjoni mela ma hijiex jekk l-attriċi, mart l-attur, tistax toqgħod fil-kawża f'isem żewġha, iżda jekk il-preżentata tal-att tiswiex.*

*23. Il-kwistjoni jekk persuna tistax tidher għal oħra f'kawża bis-saħħa ta' mandat hija regolata bl-art. 1866 tal-Kodiċi Ċivili waqt illi l-kwistjoni jekk persuna tistax tippreżenta att f'isem persuna oħra hija regolata bl-art. 180 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-bdil fl-occhio mitlub mill-atturi jolqot ir-rappreżentanza tal-attur fil-kawża u mhux il-preżentata tal-att. Għalhekk, jekk tintlaqa' t-talba, din ma hijiex sejra tolqot l-eċċezzjoni – ukoll jekk l-eċċezzjoni b'xi mod titqies li hija fuq il-meritu tal-kawża u mhux fuq proċedura – u ma kien hemm xejn xi jżomm lill-qorti mill-tilqagħha bis-saħħa ta' dak li jgħid u jrid l-art. 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*..... 26. Il-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis il-meritu tal-appell mis-sentenza tal5 ta' April 2017 dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti.*

*27. Kif għà ngħad fuq, il-kwistjoni mqanqla bl-eċċezzjoni mressqa millkonvenuti hija jekk "il-preżentata ta' din il-kawża" hijiex nulla. Ilkwistjoni mela ma hijiex jekk l-attriċi, mart l-attur, tistax toqgħod filkawża f'isem żewġha, iżda jekk il-preżentata tal-att tiswiex.*

*28. Dwar preżentata ta' atti, l-art. 180 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk: »180. (1) … … …, il-preżentata tal-iskritturi tista' ssir –*

*»… … …»(d) minn … wieħed mill-konjuġi, li jkunu għal daqshekk maħtura bħala prokuraturi mill-parti li tidher u li l-firma tagħha hija kontrosenjata skont is-subartikolu (2) talartikolu 634;«*

*29. L-attriċi hija konjuġi tal-attur – hija martu –, kienet maħtura bi prokura mill-attur, u l-firma tal-attur fuq il-prokura hija kontrosenjata u awtentikata minn nutar pubbliku bħala xhud tal-firma u tal-identità, kif irid lart. 634 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*30. Il-preżentata kienet għalhekk tiswa għax magħmula f'isem l-attur minn persuna li għandha dik is-setgħa taħt l-art. 180(1)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*31. L-eċċezzjoni ta' nullità tal-preżentata hija għalhekk ħażina, biex ma ngħidux ukoll fiergħa. Inċidentalment din il-qorti ma tistax ma tikkummentax kif il-konvenuti, li ironikament jakkużaw lill-atturi b'ħela ta' żmien bi proċeduri "kopjużi", kienu huma li ħlew il-ħin tal-qorti b'eċċezzjoni manifestament infondata u kontestazzjoni akkanita dwar kwistjoni li, wara kollox, ma kienet sejra toħloq ebda preġudizzju għalihom, u hekk arenaw il-kawża għal aktar minn sentejn flok, kif kien imisshom għamlu, ikkontestaw il-kawża fuq il-meritu."*

Din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Mejju, 2022 fl-ismijiet **Roland Darmanin Kissaun u b'digriet tat-18 ta' Diċembru, 2014, il-Qorti laqgħet it-talba biex l-atti tal-kawża jiġu trasfużi f'isem Maria Dolores Darmanin Kissaun, u dan stante l-mewt ta' Roland Darmanin Kissaun v. Global Capital Financial Management Limited (C-30053)** fejn fl-ewwel lok ġiet ikkwotata s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fejn intqal is-segwenti:

*"4. Biex waslet għad-deċiżjoni tagħha l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:*

*"Rat is-sentenza in parte tal-1 ta' Ġunju 2017 li permezz tagħha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta limitatament billi a tenur tal-artikolu 159(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat it-tneħħija tar-rikors ġuramentat mill-atti tal-kawża u a kariku tal-attur jiddaħħal minfloku fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tas-sentenza rikors ġuramentat ieħor li m'għandux ikun itwal minn tliet (3) paġni b'tipi indaqs tal-att oriġinali li għandu jinkludi l-premessi u talbiet attriċi kif miġjuba fl-ewwel rikors ġuramentat u fil-bqija ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni u ċaħdet ukoll it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari.*

*Rat illi permezz ta' sentenza tad-29 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2017 u għaldaqstant, irrinvijat latti lil din il-Qorti għall-kontinwazzjoni.*

*Rat illi permezz ta' nota fl-atti tas-26 ta' Lulju 2017, ġie preżentat irrikors ġuramentat mill-ġdid.*

*Rat illi permezz ta' digriet tat-18 ta' Ġunju 2019, is-soċjetà konvenuta ġiet awtorizzata tippreżenta risposta ulterjuri.*

*Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha eċċepiet illi:*

*"Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, rrikors guramentat sostitwit huwa rritwali u null stante li mhux mahluf millistess attrici Maria Dolores Darmanin Kissaun ai termini tal-Artikolu 156(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u in assenza ta' dan ir-rikors guramentat ma jistax jigi mahluf minn mandatarju f'isem l-attrici kemm il-darba ma saritx il-prova li l-attrici kienet assenti minn Malta fil-gurnata u hin tal-presentata tar-rikors guramentat u li l-mandatarju kellu mandat sabiex jidher ghall-assenti f'isimha, u dan ai termini tal-Artikolu 1866 talKap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-intimata ghandha tigi lliberata mill-osservanza talgudizzju billi r-rikors guramentat huwa null u irritu in kwantu nieqes minn partikolarità essenzjali espressament mehtiega mill-ligi a tenur talArtikolu 789(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma huwiex debitament mahluf mill-attrici a tenur tal-Artikolu 156(3) tal-Kap. 12 u lArtikolu 1866 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta".*
*Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri tas-soċjetà konvenuta.*
*Rat l-atti kollha tal-kawża.*

*- Omissis -*

*Din is-sentenza hija limitata għall-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha eċċepiet li r-rikors ġuramentat kif sostitwit huwa null stante li mhux maħluf mill-attriċi ai termini tal-artikolu 156(3) tal-Kap. 12 u ma setax jiġi maħluf mill-mandatarju tagħha ladarba ma saritx il-prova li l-attriċi kienet assenti minn Malta fil-ġurnata talpreżentata tal-att.*

*Il-Qorti ordnat is-sostituzzjoni tar-rikors promotur għaliex ma sarx skont ma jrid l-artikolu 159 tal-Kap. 12. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat iddeċiżjoni ta' din il-Qorti. Jirriżulta li l-attriċi kienet rikoverata l-isptar bejn l-14 ta' Ġunju 2017 u l5 ta' Lulju 2017 minħabba li kienet qiegħda ssofri minn ansjetà u dipressjoni. Hija fil-fatt preżentat rikors fil-21 ta' Ġunju 2017 fejn talbet lill-Qorti testendi t-terminu għall-preżentata tar-rikors ġuramentat millġdid. Il-Qorti estendiet it-terminu b'xahar*

*permezz ta' digriet tas-26 ta' Ġunju 2017. Fis-26 ta' Lulju, jiġifieri preċiżament dakinhar li kien ser jiskadi t-terminu, l-attriċi preżentat mill-ġdid permezz ta' nota fl-atti dan ir-rikors ġuramentat li madanakollu ġie maħluf minn iben l-attriċi.*

*L-attriċi ppreżentat ukoll kopja ta' prokura speċjali li permezz tagħha awtorizzat lil binha, l-imsemmi Mark Darmanin Kissaun, sabiex jirrappreżentaha u jidher f'isimha fil-proċeduri tal-lum.*

*Madanakollu, kif sewwa tgħid il-konvenuta, ir-rikors ġuramentat ma setax jiġi maħluf minn ħadd aktar ħlief l-attriċi. A tenur tal-artikolu 1866 tal-Kap. 16:*

*"Iżda, il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun taħ din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: iżda mandatarju taħt mandat irrevokabbli mogħti bħala garanzija għat-twettiq ta' obbligazzjoni jista' jiftaħ kawża f'isem il-mandant irrispettivament minn din id-dispożizzjoni sabiex jipproteġi jew jenforza d-drittijiet garantiti bil-mandat."*

*Il-konvenuta tinsisti li l-att kif sostitwit huwa allura null a tenur tal-artikolu 789(d) tal-Kap. 12:*

*"789. (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata–*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:*
*Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi."*
*Filwaqt illi l-konvenuta għandha raġun tgħid illi r-rikors ġuramentat kellu jkun maħluf mill-attriċi, a tenur tal-artikolu 175(1) tal-Kap. 12:*

*'Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermettiti bdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża."*

*Wieħed ma jridx jinsa wkoll illi kif sewwa qalet il-Qorti tal-Appell fiddeċiżjoni tagħha f'dawn il-proċeduri tad-29 ta' Marzu 2019:*

*"Huwa dmir tal-Qorti biex kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u kif qalet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Vella v. Cefai" deciża fl-4 ta' Novembru, 1991, meta jkun hemm nuqqasijiet procedurali li ma humiex ta' natura radikali u serja, l-Qorti għandha s-setgħa skond li ligi li tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi li jidhrilha xieraq biex tassikura li dak li għandu x'jaqsam mal-procedura jigi mhares kif imiss. Hekk ukoll, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawża fl-ismijiet "Sam Investments Lts vs. Scifo Diamantino" deciża fit-30 ta' Mejju, 2017, osservat illi l-hsieb tallegislatur huwa li nullitajiet procedurali ma jigux dekretati jekk dak innuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.*

*Ma jirriżultax, f'dan il-każ, li s-socjetà konvenuta ma tistax tiddefendi ruħha fuq ir-rikors promotur kif formulat, u din żgur fehmet ir-raguni tat-talbiet attrici, u dan kif jidher car mill-eccezzjonijiet li ressqet, kemm ta' natura preliminari w anke fil-meritu."*

*Għalhekk u filwaqt illi l-Qorti ma tistax tippermetti fl-atti tal-kawża atti li mhumiex skont il-liġi tal-proċedura, l-attriċi għadha fiċ-ċans illi tirregola ruħha billi taħlef hija stess ir-rikors ġuramentat kif sostitwit";*

Il-Qorti ta' l-appell imbagħad kompliet tispjega li :

*"9. Illi dan huwa appell dwar punt proċedurali li jolqot is-siwi ta' att ġudizzjarju li ddaħħal minflok att oriġinali biex bih infetħet il-kawża tallum.*

*Minħabba li l-ewwel Qorti dehrilha li GlobalCapital kellha raġun f'waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari mqajma għall-imsemmi att ġudizzjarju promotur, kienet ordnat li l-att oriġinali jinbidel b'ieħor konformi ma' dak li titlob il-liġi. Ġara iżda, li l-att sostituttiv iddaħħal b'nota bla ma kien maħluf mill-attriċi appellata u dan wassal lil GlobalCapital li tqajjem eċċezzjoni proċedurali oħra tan-nuqqas ta' siwi tal-att u t-talba għall-ħelsien tagħha mill-ħarsien tal-ġudizzju;*

*10. Illi l-aggravju ta' GlobalCapital mis-sentenza appellata jgħid li lewwel Qorti ddeċidiet b'mod ħażin l-eċċezzjoni ulterjuri li dwarha ngħatat dik is-sentenza. Tfisser l-aggravju tagħha billi tgħid li, filwaqt li l-ewwel Qorti qalet li rikors promotur mhux maħluf mill-parti attriċi ma jiswiex għallfinijiet tal-Artikoli 156 u 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u talArtikolu 1866 tal-Kodiċi Ċivili, għaddiet xorta waħda biex tat lill-attriċi appellata l-fakulta` li taħlef dak ir-rikors jew li tressaq rikors bħalu imma maħluf. GlobalCapital tlum lill-ewwel Qorti li nqdiet bl-Artikolu 175 talKapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex tgħid li dak l-Artikolu jista' jitħaddem biss minn qorti sa qabel l-għoti ta' sentenza, u mhux bħala waħda mill-motivazzjonijiet fis-sentenza mogħtija. Tgħid ukoll li d-difett fir-rikors imressaq mill-appellata kien tant radikali li d-dispożizzjonijiet talimsemmi Artikolu 175 tal-Kodiċi lanqas biss jgħoddu għalih, u li f'kull każ, it-tħaddim ta' dak l-artikolu jiddependi minn talba li waħda mill-partijiet trid tkun għamlet lill-qorti u mhux mill-qorti minn rajha. L-appellata ma kienet għamlet l-ebda talba lill-ewwel Qorti, minkejja li kienet taf bl-eċċezzjoni ulterjuri mqajma minn GlobalCapital dwar ir-rikors sostituttiv.*

*GlobalCapital ittemm tgħid li l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda triq oħra x'tagħżel jekk mhux li tqis l-att sostituttiv bħala null u bla ebda siwi, għaliex lanqas dak l-att ma jħares dak li titlob il-liġi f'mod essenzjali u għaliex, bilmod kif tressaq, hareġ ċar li l-appellata lanqas biss qagħdet għal dak li l-ewwel Qorti kienet ordnat li kellu jsir bl-att promotur fl-ewwel sentenza tagħha in parte;*

*11. Illi l-appellata twarrab dan l-aggravju u l-argumenti marbutin miegħu billi tgħid li, għalkemm ma taqbilx ma' dik il-parti tas-sentenza appellata li tgħid li l-ġurament meħud minn binha bħala mandatarju tagħha ma kienx jiswa fil-liġi, is-sentenza appellata ma wettqet l-ebda żball meta ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri li qajmet GlobalCapital.*

*Hija żżid tgħid li l-liġi tgħid min jista' jressaq atti ġudizzjarji u dan b'mod partikolari wkoll meta titkellem dwar qraba tal-partijiet fil-kawża, u għalhekk ma kien hemm xejn ħażin li binha jaħlef ir-rikors sostitutiv ladarba kellu prokura mingħandha biex jidher f'isimha f'din il-kawża(Art 180(1)(d) u 634 tal-kap 12).*
*Tgħid ukoll li l-att sostitutiv kien jaqbel ma' dak li l-ewwel Qorti kienet ordnat li jitressaq meta tat l-ewwel sentenza in parte tagħha, u GlobalCapital ma ġarrbet l-ebda preġudizzju jew ħsara bih jew bil-mod kif tressaq;*

*12. Illi l-Qorti fl-ewwel lok tqis li parti mill-aggravju tal-appell donnu jagħti 'l wieħed x'jifhem li l-ewwel Qorti ma kienx imissha nqdiet bissetgħat li l-liġi tagħti lil kull qorti dwar it-tiswija jew bdil ta' atti mressqin quddiemha jekk mhux qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Il-Qorti tgħid minnufih li ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni u lanqas mal-aggravju f'dan ir-rigward. L-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 mhuwiex biss is-sub-inċiż (1) tiegħu: sewwasew fis-sub-inċiż (3) il-liġi tagħti lil kull qorti s-setgħa li tista' tordna minn jeddha (jiġifieri, allura, bla ma tkun saritilha talba minn xi waħda mill-partijiet) li jissewwa xi nuqqas jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv li jkun hemm f'xi att. Il-kundizzjoni waħdanija li titlob il-liġi hija li dan isir "sa dakinhar li (l-qorti) tagħti s-sentenza u taqta' l-kawża".*

*Ma hemmx dubju li dan is-sub-inċiż qiegħed jitkellem dwar is-sentenza li taqta' l-kawża u mhux dwar xi sentenza jew provvediment ieħor in parte li jkun meħtieġ li jingħata qabel ma l-kawża tkun maqtugħa b'mod definittiv. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellanti meta tgħid li ordni bħal dik trid tingħata biss b'digriet u ma tistax tingħata wkoll f'sentenza;*

*13. Illi bħala konsiderazzjoni fil-mertu tal-aggravju, din il-Qorti trid tirrileva li l-att li dwaru tressqet l-eċċezzjoni li kienet il-mertu tas-sentenza appellata kien att li ddaħħal minflok l-att oriġinali promotur li kien maħluf kif imiss mill-attur li ressqu. In-nuqqas fir-rikors maħluf oriġinali ma kienx għaliex l-attur ma ħalfux, imma għaliex l-att ma kienx joqgħod għal dak li jitlob l-Artikolu 159 tal-Kapitolu 12. Dan ifisser li, f'dak li jirrigwarda l-att promotur oriġinali, il-vot tal-liġi li dak l-att jinħalef mill-persuna li ressqitu kien imħares;*

*14. Illi, imbagħad seħħew xi ġrajjiet li wasslu għal ċirkostanzi li laqtu lmixi 'l quddiem ta' din il-kawża. Tliet ġimgħat wara li nfetħet il-kawża, miet l-attur. Ftit tax-xhur wara, l-appellata assumiet l-atti tal-kawża minfloku. Sa dakinhar, ma kinitx għadha ngħatat l-ewwel sentenza in parte mill-ewwel Qorti f'Ġunju tal-2017. Ftit jiem wara l-għoti ta' dik issentenza, l-appellata kienet ħatret lil binha bħala mandatarju tagħha u f'Lulju tressaq b'nota r-rikors promotur sostitutiv u nħalef minn binha. Lappellata ma ħalfitx dak l-att hi, għalkemm l-att tressaq f'isimha bħala lpersuna li kienet assumiet l-atti tal-kawża minflok l-attur oriġinali. Fleċċezzjoni tagħha, GlobalCapital tisħaq li min ħa l-ġurament ma kienx jista' jagħmel dan, jekk ma jintweriex li l-appellata ma kinitx tinsab f'Malta dakinhar;*

*15. Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-qofol tal-eċċezzjoni li dwaru GlobalCapital qajmet in-nuqqas ta' siwi tal-att promotur sostitutiv hija kwistjoni tal-preżentata ta' dak l-att. It-teħid tal-ġurament mitlub mil-liġi jintrabat mal-fażi tat-tressiq jew preżentata tal-att li bih tinbeda l-kawża.*

*Jekk wieħed joqgħod għall-kliem tad-dispożizzjoni relattiva, il-liġi lanqas tgħid li l-konferma bil-ġurament tar-rikors maħluf trid issir biss mill-parti f'isem min jitressaq u mhux ukoll minn xi persuna maħtura minnha. Madankollu dejjem tqies bħala fatt skontat li l-ġurament jittieħed mill-attur innifsu jew rappreżentant tiegħu (f'każ fejn il-parti attriċi tkun korp b'personalita` ġuridika jew dipartiment tal-Gvern) u, fil-każ ta' azzjoni kollettiva, il-liġi tgħid ċar li r-rikors irid jinħalef minn wieħed mill-atturi.*

*Min-naħa l-oħra, kif tajjeb tgħid l-appellata, il-liġi tagħti li persuna li hija mandatarja tal-parti fil-kawża titħalla tressaq atti f'isem dik il-parti, sakemm jitwettqu l-kundizzjonijiet mitluba mil-liġi nnifisha;*

*16. Illi kif ingħad bosta drabi, f'materja ta' nullita` tal-atti – kwistjoni meqjusa bħala waħda odjuża għall-finijiet ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja – kull nullita` għandha titqies dejjem bħala l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. In-nullita` tal-atti hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali (App. Ċiv. 4.11.1991 fil-kawża fl-ismijiet Vella v. Ċefai (Kollez. Vol: LXXV.ii.467). Att ġudizzjarju għandu jitqies null biss għal raġunijiet gravi u serji fil-limiti taddispożizzjonijiet espressi tal-liġi. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija u ħarsien taljeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u mhumiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil xi waħda mill-partijiet f'kawża mezz biex teħles mill-obbligi tagħha jew biex tirbaħ il-ħin. Kull partikolarita` li l-liġi trid li tkun "essenzjali" f'att ġudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u rrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi proċedurali hawn imsemmija (9 P.A. GCD 31.10.2008 fil-kawża fl-ismijiet Vella et v. Medserv Operations Limited);*

*17. Illi huwa meqjus li d-dikjarazzjoni ma' rikors maħluf jew ma' tweġiba maħlufa hija ħaġa waħda mal-att li miegħu trid titressaq, b'mod li jekk dik id-dikjarazzjoni ma tkunx tiswa u qisha ma saret qatt, daqstant ieħor ma jkunx jiswa r-rikors maħluf jew it-tweġiba maħlufa li minnhom tagħmel parti (Kumm. CS 4.11.1988 fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Galea v. Pawlu Cuschieri (mhix pubblikata). Nuqqas ta' dan il-kalibru huwa wieħed li jġib nullita` testwali kif maħsub fl-Artikolu 789(1)(a) tal-Kap 12, u mhux sempliċi waħda virtwali (Ara P.A. MCC 14.5.1970 fil-kawża fl-ismijiet Victor H. Debono et v. Onor. Dr. Vincent Tabone et (mhix pubblikata), sentenza in parte li tagħti tifsira dettaljata u studjata ta' din leċċezzjoni u l-effetti tagħha.)*

*18. Illi l-Qorti ħasbet sewwa fuq dawn il-konsiderazzjonijiet hija u tara kif jgħoddu għall-każ li llum għandha quddiemha. Hija u tistħarreġ il-kwistjoni ltaqgħet ma' deċiżjonijiet mogħtijin minnha fi żminijiet oħrajn fejn, bħal fil-każ tallum, id-dikjarazzjoni tal-att inħalfet minn persuna li ma kinitx l-attur (Ara, b'eżempju, App.Kumm. 9.1.1989 fil-kawża fl-ismijiet Kissaun noe v. Fenech noe(Kollez. Vol: LXXIII.ii.413) li jirrigwarda każ fejn mara miżżewġa ħalfet id-dikjarazzjoni mal-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq f'isem żewġha meta dan kien mar il-Qorti magħha dakinhar li nfetħet il kawża) jew ma kinitx awtorizzatha kif imiss biex tidher f'isem il-parti li f'isimha tressaq l-att ġudizzjarju (App. Ċiv. 3.3.2006 fil-kawża fl-ismijiet Denis Burke noe et v. Anthony Grech Sant et; App. Ċiv. 18.9.2009 fil-kawża fl-ismijiet Roberto Carlos Calleja v. Annot Co Ltd; u App. Ċiv. 14.12.2018 fil-kawża fl-ismijiet Pauline Bonniċi noe et v. Rev. Marc-Andrè Camilleri noe et).* ***Li kieku l-att li dwaru ngħatat is-sentenza appellata kien l-att li bih infetħet il-kawża tallum, din il-Qorti***

*kienet tasal għall-istess fehma murija f'dawk id-deċiżjonijiet. Madankollu, kif ingħad qabel, l-att li dwaru GlobalCapital qajmet l-eċċezzjoni li hija l-mertu tas-sentenza appellata ma kienx l-att oriġinali, imma att li kien maħsub li "jirranġa" u jibdel dak l-att. Kif ingħad ukoll, ir-rikors li bih infetħet il-kawża ma kienx milqut b'nullita` imma b'irregolarita` fil-mod kif tfassal. Għalhekk, ladarba l-kawża nfetħet b'att li jiswa, l-atti l-oħrajn li tressqu ma jġibux null dak l-ewwel att. Fil-fehma tal-Qorti, jekk kien hemm xi nuqqas bil-mod kif tressaq l-att sostituttiv, dan ma jġibx fix-xejn is-siwi tal-azzjoni oriġinali.* *Fi kliem ieħor, jekk huwa minnu li l-mod kif inħalef l-att sostituttiv ma jaqbilx ma' dak li l-ewwel Qorti kienet ordnat fl-ewwel sentenza preliminari li kienet tat f'Ġunju tal-2017, ma kien hemm xejn ħażin li l-istess Qorti tinqeda bl-għodda li tagħtiha l-liġi fl-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tagħti ordnijiet dwar dak l-att sostituttiv;*

*19. Illi l-att sostituttiv imressaq mill-appellata huwa sostanzjalment l-istess att f'sura aqsar u aktar konċiża tal-att li kien ressaq żewġha meta fetaħ il-kawża u li ħalef id-dikjarazzjoni li kienet tagħmel parti minnu. GlobalCapital ma fissritx xi ħsara jew preġudizzju ġarrbet b'dak l-att sostituttiv, u kemm hu hekk, ressqet tweġiba ulterjuri dwaru. Il-jedd tagħha li tiddefendi l-każ tagħha fil-kawża mibdija minn żewġ l-appellata ma tnaqqas bl-ebda mod, għaliex it-tweġiba maħlufa li tressqet minnha kontra l-att oriġinali għadha tagħmel parti mill-atti tal-kawża u, b'żieda ma' dan, ressqet it-tweġiba ulterjuri li l-eċċezzjoni taħt eżami f'din is-sentenza tagħmel parti minnha. F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-argumenti mressqin mill-appellata fit-tweġiba tagħha u ma tħossx li għandha toqgħod tfettaq aktar dwar dan;*

*20. Illi għalhekk, l-aggravju mqajjem minn Global Capital mis-sentenza appellata mhux mistħoqq u mhux se jintlaqa'."* (enfazi magħmul minn din il-Qorti)

Din il-Qorti tislet mill-fuq ċitat bran is-segwenti parti ta' din is-sentenza mogħtija riċentement mill-Qorti ta' l-Appell:

*Li kieku l-att li dwaru ngħatat is-sentenza appellata kien l-att li bih infetħet il-kawża tallum, din il-Qorti kienet tasal għall-istess fehma murija f'dawk id-deċiżjonijiet. Madankollu, kif ingħad qabel, l-att li dwaru GlobalCapital qajmet l-eċċezzjoni li hija l-mertu tas-sentenza appellata ma kienx l-att oriġinali, imma att li kien maħsub li "jirranġa" u jibdel dak l-att. Kif ingħad ukoll, ir-rikors li bih infetħet il-kawża ma kienx milqut b'nullita` imma b'irregolarita` fil-mod kif tfassal. Għalhekk, ladarba l-kawża nfetħet b'att li jiswa, l-atti l-oħrajn li tressqu ma jġibux null dak l-ewwel att. Fil-fehma tal-Qorti, jekk kien hemm xi nuqqas bil-mod kif tressaq l-att sostituttiv, dan ma jġibx fix-xejn is-siwi tal-azzjoni oriġinali.*

Issa fil-każ odjern, din il-Qorti hija rinfaċċata b' sitwazzjoni fejn qed jiġi attakkat ir-rikors promotur li bih infetħet il-kawża. Din il-Qorti qieset li f' dan il-każ għandha quddiemha rikors ġuramentat li ġie ppreżentat u maħluf minn Robert Cremona qua mandatarju ta' ommu Maria Cremona. Irriżulta li Maria Cremona hija residenti fil-gżira t' Għawdex iżda hija indisposta hekk kif jirriżulta mix-xhieda prodotta u miċ-ċertifikat mediku ppreżentat). Kien għalhekk li binha ppreżenta r-rikors ġuramentat huwa stess għan-nom tagħha u kkonferma l-istess bil-ġurament. Il-kwistjoni f'dan il-każ hija l-preżentata ta' din il-kawża hijiex nulla u ergo ma tiswiex.

Din il-Qorti qieset l-insenjamenti tal-Qrati nostrana, b' mod partikolari dak ċitat iktar 'il fuq. Il-kwistjoni jekk persuna tistax tidher għal oħra f'kawża bis-saħħa ta' mandat hija regolata bl-art. 1866 tal-Kodiċi Ċivili waqt illi l-kwistjoni jekk persuna tistax tippreżenta att f'isem persuna oħra hija regolata bl-art. 180 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

L-artikolu 180 tal-Kap 12 jistipola li:

*(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181, il-preżentata tal-iskritturi tista' ssir –*

*(d) minn axxendent, dixxendent tal-parti, ħuha jew oħtha,iz-ziju jew iz-zija, in-neputi jew in-neputija,kwalunkwe wieħed mill-ġenituri ta' kwalunkwe mill-konjuġi, kwalunkwe wieħed mill-konjuġi tal-ulied,wieħed mill-konjuġi, li jkunu għal daqshekk maħtura bħala prokuraturi mill-parti li tidher u li l-firma tagħha hija kontrosenjata skont is-subartikolu (2) tal-artikolu 634*

Robert Cremona huwa dixxendent ta' Maria Cremona, in fatti huwa binha. Huwa ġie maħtur bi prokura minn ommu li hija kontrosenjata u awtentikata minn avukat bħal xhud tal-firma u tal-identita'. Għalhekk, il-preżentata ġiet magħmula f'isem l-attriċi minn persuna li għandha dik is-setgħa taħt l-art. 180(1)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Madanakollu, kif jistipola l-artikolu 1866 tal-Kodiċi Ċivili:

*Iżda, il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: iżda mandatarju taħt mandat irrevokabbli mogħti bħala garanzija għat-twettiq ta' obbligazzjoni jista' jiftaħ kawża f'isem il-mandant irrispettivament minn din id-dispożizzjoni sabiex jipproteġi jew jenforza d-drittijiet garantiti bil-mandat.*

Kif qalet il-qorti fil-kawża Vincent Cuschieri Limited v. Korporazzjoni Enemalta et deċiża mill-Prim' Awla fit-2 ta' Frar 2017:

*»"Illi l-liġi tfisser il-mandat bħala l-kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha (art. 1856(1) Kap. 16). Il-mandatarju jista', bis-setgħa mogħtija mill-mandant, ikun konvenut f'ismu, f'kawżi illi għandhom x'jaqsmu mal-affari li tidħol fil-mandat (art. 1865(2) Kap. 16), iżda ma jistax joqgħod filkawża, bħala attur jew konvenut, f'isem tal-mandant, anke jekk dan ikun tah dik is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir (art. 1866 Kap. 16)."*

Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi, kellha tkun l-istess Maria Cremona li kellha tikkonferma bil-ġurament tagħha ir-rikors promotur. Dana stante li hija mhijiex nieqsa minn Għawdex. Huwa minnu li l-bini tal-Qorti f' Għawdex jagħmilha diffiċli iktar għal persuni vulnerabbli in vista ta' nuqqas ta' aċċessibilita' iżda kien hemm varji okkazzjonijiet meta ġie mitlub li r-Reġistratur tal-Qorti joħroġ barra mill-bini tal-qorti biex jingħata l-ġurament lil persuna li tkun sejra tippreżenta.

Din il-Qorti tqis li l-liġi tagħti permess biss li atti jiġu preżentati minn terzi f'isem ħaddieħor skont artikolu 180(1) tal-Kap. 12 però dan l-artikolu jillimita tali dritt għal preżentata tal-att iżda mhux li jidher fuq att in rappreżentanza tal-parti, meta tali parti tinstab f'Malta. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati għandha tiġi milqugħa peress din tirrigwarda proprju *l-att li bih infetħet il-kawża tallum, liema att jirriżulta li huwa milqut b'nullita` u mhux b' semplici irregolarita` fil-mod kif tfassal. Din il-Qorti ma tqisx għalhekk li l-kawża nfetħet b'att li jiswa.*

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u kwindi u tillibera lil intimati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjeż għar-rikorrenti nomine.

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

19.05.2023 – Sup137.2022 – Cremona Robert noe vs Zammit Carmen sive Lina et
5182